MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 115/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nahar id-29 ta' Novembru, 2008 ghall-havt tal-05:30 ta' filghodu gewwa l-Mosta:

Gab ruhu b' mod li ta fastidju lil martu Georgia Vella meta kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal l-istess

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 u dan ghas-sigurta` ta' Georgia Vella.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 383(1) u 251(A)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lil imsemmi imputat hati u ikkundannatu xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Marzu, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi qabel xejn l-appellant jilment ghall-fatt li mil-ewwel gurnata tat-terminu ta’ l-appell talab li jinghata kopja formali tas-sentenza dina qatt ma giet ipprovduta lilu;

Illi indubbjament din ic-cirkostanzi poggiet lill-appellant f’punt ta’ zvantagg ghax ma jafx x’kienu l-osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti. Fuq dan l-ilment l-appellant bi hsebu jissottometti ulterjorment quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Illi mill-qari ta’ l-akkuzi jirrizulta illi din tinkwadra ruha fit-termini ta’ l-artikolu 251A [1] [b] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk possibilment l-appellant intstab hati fuq din l-akkuza.

Illi mill-aspett guridiku qed jigi sottomess li l-fatti speci tal-kaz, fl-ahjar ipotezi ma jikkostitwixxux l-ingredjent ta’ dan id-delitt. Dan qed jinghad peress illi hu palezi fil-gurisprudenza nostrana li l-fastidju hu dak li bl-ingliz jissejjah ‘stalking’. Dan ifisser illi dan id-delitt ifisser li ghandu konnotazzjonijiet sesswali, xi haga ghal kollox mankanti fil-fatti speci tal-kaz;

Illi in oltre jigi sottomess illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u tal-fatti kif ser jirrizulta fis-sottomissjonijiet u it-trattazzjonijiet ta' dana l-appell;

Ikkunsidrat,

Semgħet ix-xhieda ta' Georgina Vella. Din qalet li l-appellant kien ilu erba' ġimgħat jiġi lura d-dar fis-sakra. Fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni, biex ipattihielha, kien waddbilha z-zokkor fuq il-mejda, ħarġilha l-ħwejjeġ u waddabhomlha mal-art u għamel azzjonijiet oħra. Imbagħad ċemplet lill-Pulizija li ġew id-dar.

Rat l-affidavit ta' PS 300 Alfred Abela li fih ikkonferma li fid-29 ta' Novembru 2008 huma kienu rċevew telefonata minn Georgina Vella li qalet li kellha xi argument ma'żewġha. Hija kienet qaltlu li dan l-aħħar żmien kien qed ikollha ħafna argumenti mal-appellant għax kien jidħol id-dar fis-sakra. Imbagħad kienet semmiet il-każ taz-zokkor u t-theddida li l-appellant għamel li jitfa' l-ħwejjeġ maħmuġin tiegħu u ż-żarbun maħmuġ fil-gwardarobba n-naħa tagħha. L-appellant kien qallu li waqt li hu (l-appellant) kein qed jagħmel it-te' fil-kċina kien waqgħlu z-zokkor.

L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-kliem użat fiċ-ċitazzjoni huwa dak li jidher fl-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa l-fattispeċje tal-każ ma jikkostitwux dan id-delitt.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti sabet ħtija taħt l-artikolu 251A(1) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

'251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:

(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u
(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,
tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta’ dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b’mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta’ persuna oħra jekk fil-qjies ta’ persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b’reat taħt dan l-artikolu tista’ ġġib prova li:
(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew
(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma’ xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew
(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu tista’ teħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur jew multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).[1]

Il-fastidju prospettat f’dan l-artikolu huwa differenti minn dak li jidher fil-kontravenzjoni 339(1)(n) dwar il-fastidju lix-xjuħ.  (Ara ‘Appell Kriminali: Il-Pulizija kontra Joseph Bartolo – 1955).

Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b’kelma mil-liġi ‘Protection of Harassment Act 1997’.  Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

[1] F’dan il-każ jgħodd l-artikolu 222(1)(a) fejn fost persuni oħra jissemmew : ‘jew fuq il-persuna tar-raġel jew tal-mara.’

‘The Act describes itself as one ‘to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.’ It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of ‘stalking’. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to ahrassing a person include alarming the eprson or causing the person distress.

In ‘Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times’ November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of ‘harassment’ in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.

But in ‘Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.

Two incidents can constitute a ‘ course of conduct’ but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as ‘a course of conduct’: Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC.

In ‘Pratt vs DPP’ 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. **On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line,** but the conviction could be sustained where the incidents took

place against a background of an undertaking having been given inc ivil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

The test under section 1(2)[2] is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.'[3]

Il-Qorti kkwotat in extenso biex turi li l-interpretazzjoni ta' dan l-aritkolu mhix limitata biss għal dak li qed jissottometti l-appellant. Il-parti li tidher 'in bold' fil-paragrafu ta' qabel turi li dan l-artikolu mhux limitat għal 'stalking' jew li għandu konnotazzjonijiet sesswali biss. **Anzi, jidher li dan l-artikolu jista' jkun applikat fi kwistjonijiet domestiċi wkoll speċjalment meta l-ġlied u l-fastidju jkunu laħqu ċerta grad**.

Il-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti huma limitati fiż-żmien għal jum wieħed għax hekk hija redatta ċ-ċitazzjoni. Issa l-course of conduct jista' jkun f'ġurnata waħda u mhux bilfors irid ikun mifrux fuq tal ta' żmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu tal-liġi.

Filkors tax-xhieda tagħha Georgina Vella semmiet tliet fatti li ġraw fil-5.30 ta' filgħodu tad-29 ta' Novembru 2008. Dawn kienu (a) qlugħ tas-seat tat-toilet; (b) twaddib taz-zokkor fuq il-mejda; (ċ) tfigħ tal-ħwejjeġ tagħha mill-gwardarobba mal-art. Fil-fehma tal-Qorti, l-eżempju li ngħata fir-raba' paragrafu aktar 'il fuq, **is-sitwazzjoni kienet agħar** – biss biss kien hemm tfigħ ta' beaker lejn il-mara – **u xorta l-Qorti Ingliża ma sabitx ħtija**. Għalhekk il-Qorti, għalkemm l-azzjonijiet li wettaq l-appellant setgħu dejqu lil Georgina Vella, ma tqisx li dawn jammontaw għall-'fastidju' kif prospettat fl-artikolu 251A tal-Kap 9.

[2] Din tikkorispondi għat-251A(2) tal-Kap 9
[3] Archbold : 2003 pages 1688 – 1689 paragraphs 19-277a; 19-277b

Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-21 ta'  Frar 2011 u minflok qed tillibera lill-appellant minn kull ħtija u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------